

## ECDC INFORMAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA

# Informazzjoni dwar il-Marda tal-legġjunarji għall-manigġers tal-akkomodazzjonijiet turistiċi

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà:** Dan il-fuljett ta' informazzjoni huwa għal skopijiet informattivi ġenerali biss. Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-awtoritajiet responsabbli tal-pajjiż tiegħek għall-gwida jew għal-leġiżlazzjoni speċifika għall-pajjiż.

## X'inhil-Marda tal-legġjunarji?

### Sfond

Kull sena, iktar minn 1000 vjaġġatur jiġi rrapportat li jkun ħa l-Marda tal-legġjunarji\*. Madankollu, ir-riskju tal-Marda tal-legġjunarji fl-akkomodazzjonijiet tal-ivvjaġġar jista' jitnaqqas. Dan il-fuljett jinkludi informazzjoni għas-sidien jew għall-manigġers tal-akkomodazzjonijiet turistiċi (eż. lukandi, appartamenti, siti ta' kampeġġ).

## X'inhil-Marda tal-legġjunarji?

Il-Marda tal-legġjunarji hija tip sever ta' pulmonite (infezzjoni tal-pulmun) ikkawżata mill-batterji *tal-Legionella*. Madwar 5–10 % tal-pazjenti jmutu. Mhux kull minn ikun espost *għal-Legionella* jimrad. Persuni li għandhom marda oħra, dawk li jpejpu u persuni anzjani huma f'riskju ogħla li jimirdu *bil-Legionella*. Is-sintomi ġeneralment jibdw bejn jumejn u għaxart ijiem wara l-infezzjoni, iżda f'każijiet rari jista' jkun li s-sintomi jieħdu tliet ġimgħat biex jiżviluppaw.

Il-marda normalment tibda b'deni, dehriet, uġiġħ ta' ras u uġiġħ fil-muskoli. Dan jiġi segwit b'sogħla xotta u b'diffikultajiet fit-teħid tan-nifs li jista' javvanza għal pulmonite severa. Madwar terz tal-pazjenti jkollhom ukoll dijarea jew remettar u madwar nofshom isiru konfużi jew deliranti. Il-biċċa l-kbira tal-pazjenti jeħtieġu li jiġu rikoverati l-isptar u kkurati b'antibijotiċi adegwati. Id-dijanjożi teħtieġ testijiet tal-laboratorju speċifiċi. Id-dijanjożi ta' spiss issir wara li l-vjaġġatur ikun irritorna d-dar.

## Kif tittieħed il-Marda tal-legġjunarji?

Il-Marda tal-legġjunarji tittieħed billi qtar mikroskopiki tal-ilma (aerosols) li jkun fihom il-batterji tal-Legionella jittieħdu man-nifs. Dawn il-batterji jgħixu fl-ilma u jmultiplikaw meta l-kundizzjonijiet ikunu adegwati; pereżempju, ilma qiegħed f'sistemi tal-ilma magħmula mill-bniedem f'20°C sa 50°C. L-aerosols *bil-Legionella* jistgħu jiġu prodotti, pereżempju, billi tiftaħ vit tal-ilma jew tieħu xawer, mill-bżieżaq li joħorġu mill-ilma ta' pixxina interna jew minn xi sistemi tal-arja kondizzjonata.

---

\* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Il-Marda tal-legġjunarji fl-Ewropa, 2014. Stokkolma: ECDC; 2016. Disponibbli minn <http://ecdc.europa.eu/en/publications/Publications/legionnaires-disease-europe-2014.pdf>

## L-akkomodazzjoni hija s-sors tal-infezzjoni?

Jekk persuna bil-marda tal-Leġġjunarji tkun irrappurtata li qagħdet f'akkomodazzjoni speċifika, dan mhux bilfors ikun ifisser li l-pazjent ħa l-infezzjoni minn hemm. Hu jew hi jista' jkun li jkun ħa/tkun ħadet l-infezzjoni minn diversi postijiet differenti. Madankollu, meta żewġ każijiet jew iktar ikunu qagħdu fl-istess akkomodazzjoni, speċjalment f'perjodu qasir ta' żmien, huwa iktar probabbli li l-akkomodazzjoni tkun is-sors tal-infezzjoni. F'dak il-każ, ikun hemm bżonn li jsiru investigazzjonijiet urġenti fl-akkomodazzjoni.

Bħala manigġer tal-akkomodazzjoni turistica, għandek tkun konxju mir-riskju tal-Marda tal-leġġjunarji u li tiegħu l-miżuri biex tnaqqas kemm jista' jkun dan ir-riskju.

## Fejn huma ż-żoni ta' riskju fl-akkomodazzjonijiet turistiċi?

Kull fejn jista' jinħoloq qtar tal-ilma (aerosols), hemm riskju ta' infezzjoni. Xi eżempji huma:

- Xawers u banjijiet
- Spa/banjijiet bl-idromassaġġi
- Torrijiet ta' tkessiġ u kondensaturi evaporattivi użati għall-arja kundizzjonata
- Funtani ornamental, partikolarment dawk fuq ġewwa
- Wirjiet tal-ikel umidifikati u tagħmir ieħor li jraxxax fwar tal-ilma
- Sistemi tal-ilma ta' pajpijiet tal-ġonna użati għat-tisqija tal-pjanti

## Fejn jistgħu jgħixu u jimmultiplikaw il-batterji *tal-Legionella*?

- Fl-ilma f'temperaturi ta' bejn l-20°C u l-50°C
- F'tankijiet jew f'ċisterni tal-ilma sħun jew kiesaħ
- F'pajpijiet bi ftiit jew b'ebda fluss tal-ilma (dan jinkludi kmamar mhux okkupati)
- Fil-ħama (bijofilm) u l-ħmieġ fuq l-uċuħ ta' ġewwa tal-pajpijiet u t-tankijiet
- Fuq il-gomma u l-fibri naturali fil-woxers u s-siġilli
- Fil-ħiters tal-ilma u fit-tankijiet tal-ħażna tal-ilma sħun
- Fil-ġebbla u l-korrużjoni fil-pajpijiet, fix-xawers u l-banjijiet.

Dawn il-kundizzjonijiet jinkoraġġixxu t-tkabbir tal-*Legionella* u jżidu r-riskju ta' infezzjoni għall-klijenti u l-persunal.

## Kif nissorveljaw il-Marda tal-leġġjunarji?

In-Netwerk ta' Sorveljanza Ewropew tal-Marda tal-leġġjunarji (ELDSNet) iwettaq sorveljanza tal-Marda tal-leġġjunarji. Huwa kkoordinat miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC). In-netwerk jikkonsisti minn epidemjologi u mikrobijologi maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa pubblika fl-UE u f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Dan in-netwerk jaqsam informazzjoni bejn il-pajjiżi fejn mardu n-nies u l-pajjiżi fejn setgħet seħħet l-infezzjoni. Dan in-netwerk għandu wkoll proċeduri biex jinnotifika raggruppamenti ta' każijiet lill-operaturi turistiċi. Inti tista' tnaqqas dan ir-riskju bill jkollok pjan ta' kontroll *tal-Legionella*.

## X'nista' nagħmel bħala manigġer ta' akkomodazzjoni turistica biex nevita l-infezzjonijiet tal-Marda tal-leġġjunarji fost il-klijenti tiegħi?

### Innaqqsu r-riskju: pjan ta' 15-il punt biex jitnaqqas ir-riskju *tal-Legionella*

Ir-riskju tal-Marda tal-leġġjunarji jista' jiġi minimizzat.

Il-lukandiera u sidien oħrajn ta' akkomodazzjoni huma rakkomandati li jsegwu pjan ta' 15-il punt biex jitnaqqas ir-riskju *tal-Legionella*:

1. Ara li jkun hemm persuna waħda nnominata responsabbli għall-kontroll *tal-Legionella*.

2. Agħmel ċert li l-persuna maħtura jkollha taħriġ u esperjenza biżżejjed biex tkun tista' twettaq ir-rwol b'mod kompetenti u l-persunal l-ieħor ikun imħarreġ biex ikun konxju mill-importanza tar-rwol tiegħu fil-kontroll *tal-Legionella*.
3. Żomm il-miżkun sħun u jiċċirkola l-ħin kollu: 50°C - 60°C (wisq sħun biex tpoġġi jdejg fih għal iktar minn fitit sekondi) fis-sistema kollha tal-miżkun.
4. Żomm l-ilma kiesaħ kiesaħ il-ħin kollu. Għandu jinżamm f'temperaturi taħt l-20°C fis-sistema kollha lejn l-izbokkijiet kollha (dan ma jistax ikun possibbli meta t-temperatura tal-ambjent tkun għolja, iżda għandu jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-ilma kiesaħ li jidhul fil-bini u fil-maħżen jibqa' kiesaħ kemm jista' jkun).
5. Iftaħ il-vitjien u x-xawers kollha fil-kmamar tal-klijenti u f'żoni oħrajn ħalli tħalli l-ilma għaddej għal diversi minuti biex tiġbed l-ilma (sakemm jilħaq it-temperaturi msemmija fil-punti 3 u 4) mill-inqas darba fil-ġimgħa jekk il-kmamar ma jkunux okkupati u dejjem qabel ma jiġu okkupati.
6. Żomm il-parti ta' fuq tax-xawers u l-vitjien nodfa u mingħajr ġebela.
7. Naddaf u ddiżinfetta t-torrijiet tat-tkessiħ u l-pajpijiet assoċjati użati fis-sistemi tal-arja kundizzjonata b'mod regolari - mill-inqas darbtejn fis-sena.
8. Naddaf, battal u ddiżinfetta l-ħiters tal-ilma (calorifiers) darba fis-sena.
9. Iddiżinfetta s-sistema tal-ilma sħun bi klorur ta' livell għoli (50mg/l) għal 2–4 sigħat wara xogħol fuq is-sistema u l-ħiters tal-ilma u qabel il-bidu ta' kull staġun.
10. Naddaf u ddiżinfetta l-filtri tal-ilma kollha b'mod regolari, skont kif jgħidlek il-manifattur, mill-inqas darba sa tliet darbiet fix-xahar.
11. Spezzjona t-tankijiet tal-ħażna tal-ilma, it-torrijiet tat-tkessiħ u l-pajpijiet viżibbli kull xahar. Agħmel ċert li l-koperturi kollha huma intatti u f'posthom b'tali mod li ma jiċċaqilqux.
12. Spezzjona fuq ġewwa tat-tankijiet tal-ilma kiesaħ mill-inqas darba fis-sena u ddiżinfetta b'50mg/l klorur u naddaf jekk ikun hemm depożitu jew dawn ikunu maħmuġin mod ieħor.
13. Agħmel ċert li meta twettaq modifiki fis-sistemi jew f'installazzjonijiet ġodda, dawn ma joħolqux pajpijiet bi fluss intermittenti jew mingħajr ma jgħaddi ilma u ddiżinfetta s-sistema wara kwalunkwe xogħol.
14. Jekk ikun hemm pixxina interna (magħrufa wkoll bħala whirlpool spas, 'Jacuzzis', spa baths), agħmel ċert li:
  - din tiġi trattata kontinwament b'2-3mg/l klorur jew bromur u l-livelli u l-pH jiġu mmonitorjati mill-inqas tliet darbiet kuljum;
  - mill-inqas nofs l-ilma jitbiddel kuljum;
  - il-filtri tar-ramel jinħaslu bil-kontra kuljum;
  - is-sistema kollha titnaddaf u tiġi ddiżinfettata darba fil-ġimgħa.
15. Żomm rekords ta' kuljum tal-qari kollu tat-trattament tal-ilma, bħat-temperatura, il-konċentrazzjonijiet tal-pH u l-klorur u żgura li jiġu ċċekkjati b'mod regolari mill-manigġer.

Għandhom jiġu mfittxija iktar pariri dwar kontrolli speċifiċi minn esperti f'dan il-qasam. Huma jistgħu jwettqu valutazzjoni tal-impatt sħiħa tal-akkomodazzjoni. L-awtoritajiet lokali tas-saħħa pubblika tiegħek jistgħu jagħtuk pariri ulterjuri.

## Ittestjar ambjentali *tal-Legionella*

L-ittestjar għal-*Legionella* hija għodda utli, iżda biss jekk jitwettaq minn persunal imħarreġ li b'mod parallel jivaluta wkoll is-sistema tal-ilma. Barra minn hekk, kampjuni tal-ilma għandhom jiġu eżaminati minn laboratorji akkreditati għall-ittestjar *tal-Legionella* (eż. mill-UKAS, l-ISSO, ACCREDIA jew minn korpi nazzjonali ekwivalenti). Riżultat tat-test negattiv mhux bilfors ifisser li fil-post tal-akkomodazzjoni m'hemmx *Legionella* jew li m'hemmx riskju.

## Kif insir naf iktar?

Fuq il-websajt tal-ELDSNet\* tista' ssib iktar informazzjoni u link: 'European Technical guidelines for the prevention, control and investigation of infections caused by *Legionella* species, June 2017'.

\* <https://ecdc.europa.eu/en/about-us/partnerships-and-networks/disease-and-laboratory-networks/eldsnet>